TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/503/11/S

Josianne Abela
Vs
Melita plc

Illum 19 ta'Gunju,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Josianne Abela pprezentata fil-25 ta'Novembru,2011 u r-risposta tas-socjeta intimata Melita Mobile Limited kif ukoll il-kontrotalba taghha u r-risposta ghall-kontrotalba pprezentata fit-22 ta'Marzu,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u r-rapprezentanti taghhom;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ftehim bejn iz-zewg partijiet fuq servizz cellulari li r-rikorrenti waqfet qabel it-terminu tal-istess ftehim;

Illi jinghad mal-ewwel li ftehim jorbot lill-partijiet li ghandhom jiehdu parir qabel jiffirmaw, fuq l-obbligi u l-effetti ta' dan il-ftehim;

Illi fi kwalunkwe kaz, jidher li l-'mobile' in kwistjoni baqa' jintuza' sa Lulju,2010 u dan skont Dok JC2;

Illi ghalhekk is-servizz baqa' jintuza' mir-rikorrenti sa hames xhur wara sar il-ftehim bejn il-partijiet sakemm inqata' mis-socjeta intimat minhabba nuqqas ta' hlas daparti tar-rikorrenti;

Illi r-rikorrenti f'ebda hin ma allegat li t-telefon cellulari kien difettuz u dan baqa' jintuza' sakemm inqata' s-servizz;

Illi minn dak li ghandu quddiemu t-Tribunal, it-talba tar-rikorrenti tirrizulta bla bazi pero dan it-Tribunal ihoss li jkun iktar ekwu li mill-ammont dovut minn Josianne Abela lil Melita plc titnaqqas is-somma ta' €161 li tirraprezenta l-penali talli waqfet kuntratt qabel iz-zmien miftiehem;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta'

Josianne Abela u Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Melita plc b'dan li Josianne Abela ghandha thallas lil Melita plc is-somma ta' €317.03, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru